Deċiżjoni tajba nistgħu noħduha meta mqawwa fil-Fidi. Min jaf kemm jiġu ċirkostanzi fil-ħajja meta nħossuna dahrna mal-ħajt. Fejn ikollna nagħmlu għażliet f'ħajjitna li ma jkunux faċli. Ġużeppi seta' jagħmel dan għax għaraf ir-rieda tal-Missier. U għax għaraf tajjeb dak li Alla jrid minnu kien kruċjali fl-istorja tas-Salvazzjoni; tal-Misteru tal-Iben t'Alla magħmul Bniedem. Kif jgħid il-Papa Franġisku lid-diriġenti tal-ġurnal ta' Kuljum "Avvenire" (1 ta' Mejju 2018) "Mhux ta' b'xejn li Ġużeppi hu l-bniedem li jaf jistenbaħ u jqum billejl, mingħajr ma jaqta' jiesu taħt it-toqol tas-saram. Jaf jimxi fid-dlam ta' ċerti mumenti fejn ma jifhimx sal-aħħar, imqawwi mis-sejħa li tqiegħdu quddiem il-misteru, li jħallih jinvolvih u jintelaq f'idejh bla riservi."

Konklużjoni

Dawn it-tliet riflessjonijiet ma rridux inħarsu lejhom b'mod iżolat. Jibnu fuq xulxin: Li naħsbu b'mod profond, li nwettqu mingħajr ftaħir żejjed u fuq kollox li niddeċiedu b'kuraġġ. San Ġużepp ma baqax magħruf għax ftaħar dwar dak li għamel. Lanqas l-awtur sagru ma dehrlu li kellu jikteb dak li qal jew għamel. Hija l-azzjoni fiha nfisha, flimkien mal-kawtela magħġuna mal-kuraġġ u l-ubbidjenza lejn Alla li baqgħu magħrufa għal bosta sekli u għadhom jispirawna.

Huwa għaldaqstant tajjeb li nħallu lill-Mulej ibiddilna. Nagħlaq għalhekk b'messaġġ tal-Arċisqof Charles J. Scicluna (12 ta' Lulju 2020) fejn jistaqsi min jaf x'kien jiġri kieku San Ġużepp flok obda lil Alla għamel fattih. Imma "Ġużeppi, bl-ubbidjenza tiegħu, salva lis-Salvatur, feda lill-Feddej, u ħeles lir-Redentur mix-xibka tal-mewt! Hu ħerqan li jistedinna għall-ikla li ħejja Ġesu, l-iben putattiv tiegħu."

ders
Wedding Films